11 ta' April, 1949.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** ***versus*** **Giuseppe Galea**

## Appell — Varjazzjoni tal-Piena.

*Id-diskrezzjoni tal-Maġistrat dwar il-piena mogħtija lill-imputat ma għandhiex tiġi varjata fl-appell, ħlief meta (1) jew il-piena ma tkunx skond il-liġi, (2) jew inkella, jekk tiġi meqjusa in bażi għall-fattijiet kif irriżultaw quddiem l-Ewwel Qorti, jew (f'każ ta' riżultanzi ġodda) kif jirriżultaw quddiem il-Qorti ta' l-Appell, il-piena tkun manifestament eċċessiva.*

*Appelli simili mill-piena għandhom isiru biss meta jkun hemm probabilità plawsibili li l-appellant jissodisfa lill-Qorti dwar dagshekk.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-15 ta' Frar 1949, l-imsemmi Galea ġie misjub ħati talli uża attijiet ta' krudeltà fuq żiemel, saq annimal bil-karrettun bla fanal mixgħul, għamel użu mill-karrettun bi pjanċa waħda, u qal kliem immorali fil-publiku u għajjar lill-Kuntistabbli Cassar għax għamel id-dmirijiet tiegħu, u ġie kundannat £2 ammenda għall-ewwel imputazzjoni, 5s. ammenda għal-oħrajn, u ħamest ijiem detenzjoni għall-kliem immorali;

Veramenti l-imputazzjonijiet kienu ħamsa, mentri l-pieni huma tlieta..............;

Komunkwe, għall-finijiet ta' dan l-appell din l-indaġini ma hijiex meħtieġa; għaliex, kif jidher mir-rikors, dan l-appell hu limitat għal mitigazzjoni tal-piena relativa għall-kundanna dwar kliem immorali;

Trattat l-appell, din il-Qorti rriflettiet;

Kif kellu spiss okkażjoni josserva l-Imħallef sedenti, hu ma hux fa' fehma illi d-diskrezzjoni tal-Maġistrat dwar il-piena għandha tiġi varjata, ħlief meta (1) jew il-piena ma tkunx skond il-liġi, (2) jew inkella, jekk tiġi meqjusa in bażi għall-fattijiet kif irriżultaw quddiem l-Ewwel Qorti, jew (f'każ ta' riżultanzi ġodda) kif jirriżultaw quddiem din il-Qorti, il-piena tkun manifestament eċċessiva. U appell simili mill-piena għandu jsir biss meta jkun hemm probabilità plawsibili li l-appellant jissodisfa lill-Qorti dwar daqshekk;

F'dan il-każ ix-xhieda tal-Kuntistabbli Caesar uriet li l-imputat uża kliem, biex wieħed igħid l-anqas, disgustanti fl-immoralità tagħhom............... Il-fedina penali tiegħu turih pjuttost bniedem refrattarju;

Għalhekk l-appell kif limitat hu miċħud, u s-sentenza appellata konfermata.